**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3/2021

17 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera ( online ) |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno – Kunsillier ġie skużat minħabba raġunijiet ta' sptar

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**3.1.1** Is-Sur Christopher Bruno bagħat messaġġ lis-Seg. Eżek minħabba raġunijiet ta' sptar urġenti.

**3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**3.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 2 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**3.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

**3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**3.3.A** Is-Sindku rringrazzja formalment il-ħaddiema tal-kunsill li fl-aħħar jiem ħadu ħsieb il-manutenzjoni tal-arblu tal-kunsill fejn fis-seduta preċedenti ġie maqbul unanimament illi dan l-arblu għandu jitniżżel minn postu jsirlu l-manutenzjoni li hemm bżonn. Sadanittant il-bandiera l-ġdida ġiet meħjuta u regalata lill-kunsill mill-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara illi mall-ewwel kienu ta' support lejn il-Kunsill Lokali Kalkara. Il-kunsill ħareġ biss il-flus għad-drapp li kien hemm bżonn. Fil-jiem li ġejjin dan l-arblu flimkien mal-bandiera ser ikun qed jitella' f'post ġdid hekk kif ukoll ġie maqbul mill-kunsill minħabba raġunijiet varji speċjalment minħabba illi fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jinbeda xi xogħol preparatorju fir-rigward ir-riġenerazzjoni tax-Xatt, biex b'hekk dan l-arblu ma jkunx ta' xkiel għal ebda xogħol kif ukoll jitweħħel f'post aktar prominenti kif jixraq il-bandiera tal-istess lokal. Il-post il-ġdid mhux ser ikun ta' xkiel għal ħadd. Sar ukoll manutenzjoni tas-sit fl-akkwata ta' fejn ser ikun qed jitella' l-arblu stess fil-jiem li ġejjin.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar laqgħa formali li kellu mal-uffiċjali tekniċi tat-Transport Malta fuq kwistjoni varji pendenti li kellna bħala kunsill fosthom parkeġġi fi Triq il-Barklor illi fil-jiem li għaddew il-kunsill irċieva lment u struzzjonijiet mingħand id-dipartiment tal-kunsilli stess biex jitneħħa 'double yellow line' fl-inħawi li kien ilu hemm snin mingħajr il-proċeduri formali li hawn fis-seħħ fil-preżent. Il-kunsill ħa ħsieb biex ineħħi dan id-'double yellow line' u jirregoralizza ruħu fejn tidħol il-liġi. It-triq ġiet imkejla kif suppost mill-uffiċjali u ħareġ illi fil-verita' t-triq hija wiesa biżejjed biex f'din iż-żona jiżdiedu parkeġġi kif

suppost. Sadanittant ġie ssuġerit illi Triq il-Barklor tiġi waħda 'one way' ħruġ biss minnha lejn Triq Missjoni Taljana b'xi olterazzjonijiet li ser ikun hemm bżonn fiż-żona biex tiġi aktar sigura la darba tiġi approvata li ssir hekk. Sadanittant wieħed ser ikun ukoll iżid parkeġġi aktar l-isfel lejn Missjoni Taljana għal konvenjenza tar-residenti. Fl-istess ħin is-Sindku saħaq illi rridu nirrikonoxxu li din iz-zona qed tinbidel b'konsegwenza ta' żieda ta' residenti fl-akkwata b'hekk wieħed tajjeb li jaħseb x'jista' jsir biex iżid il-parkeġġi ħabba raġunijiet ovvji. Dak kollu li ġie diskuss waqt din il-laqgħa ser ikun qed jintbgħat formalment lill-awtorita' tat-transport għal aktar gwida u finalment approvazjoni biex jiġu mplementati l-miżuri diskussi

.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar tisbieħ li sar mill-ħaddiema tal-kunsill fiż-żona ta' Rinella housing estate. Fost ħafna xogħolijiet il-ħaddiema nkludew zebgħa, tranġar ta' ċnut, tikħil u dak kollu li kien hemm bżonn biex wieħed jara differenza fiżiva f'dak kollu li sar biex iż-żona ġiet waħda aktar organizzata u sabieħa biex tara. Is-Sindku reġa' rringrazzja formalment lill-ħaddiema illi f'dan l-aħħar xahar ħaddmu bla waqqfin biex ikollna aktar żoni imsebbħa bħal din imsemija hawn fuq.

d Is-Sur Sindku informa lill-kunsill illi ftit qabel din is-seduta ġie ffirmat kuntratt mal-kumpanija Greenpak fejn dawn tal-aħħar irregalaw CCTV Cameras li ser ikun qed jagħmel użu minnhom il-kunsill stess biex jitnaqqas l-abbuż fiż-żona ta' Triq Marina eżattament fejn hemm l-iskips minħabba raġunijiet ovvji speċjalment abbuż sfrenat ta' rimi ta' oġġetti varji. Il-footage ser ikun qed jiġi mmoniterjat mill-awtorita' tal-LESA biex jinħarġu notifiċi lill-offensuri li jagħmlu użu minn dawn l-iskips mhux kif suppost wara anke ħafna lmenti li nirċievu formalment rigward din il-materja l-kunsill stess.

e Is-Sindku informa l-kunsill illi wara laqgħa formali li saret aktar kmieni dan ix-xahar mal-partijiet kollha involuti rigward il-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt, wieħed ser ikun qed jara bidu ta' xogħolijiet żgħar bi preparazzjoni għal xogħolijiet ikbar li hemm skedati fix-xhur li ġejjin fosthom zbir ta' siġar, rialokazzjoni tal-istess siġar, qlugħ ta' bankijiet fiż-żona tal-bandli fejn saħansitra dawn ser imorru għal iskola Primarja fuq suġġeriment tas-Sinjura Maria Sultana.

Tajjeb li wieħed jgħid illi sfortunatament ħabba proċeduri interni mill-awtoritajiet ikkonċernati d-dati mifthemin waqt il-laqgħa li saret fejn fost il-partijiet involuti kien hemm anke r-rappreżentanza tal-kunsill mhux ser ikunu qed jinżammu pero' wieħed ser ikun qed jibda jipprepara l-biċċa tiegħu biex kif jinħarġu l-permessi formali wieħed ikun lest li jibda bla dewmien. Sadanittant il-Seg Eżek ser tkun qed tikkordina l-loġistika li ser tkun qed taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill dirett.

Is-Sindku tenna u kkonferma dak li ġie diskuss waqt seduta informali tal-kunsill fejn fil-ġranet li ġejjin il-kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb l-għeluq tal-bandli ħabba raġunijiet varji fosthom minħabba 'health and safety' u wara d-deċiżjoni li

ttieħded unanimament mill-kunsill illi inutli li l-kunsill jonfoq ammont sostanzjali ta' flus biex jirranġa ż-żona kif hemm bżonn meta fil-verita' fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jibda xogħol ta' preparament fl-istess żona rigward l-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt hekk kif inhu spjegat hawn fuq stess.

Is-Sur Vincent Bongailas ssuġerixxa illi tajjeb li n-nies ikunu nfurmati b'dak li ser ikun qiegħed jiġri u anke tiġi skedata public consultation għal-istess residenti biex wieħed jifhem aktar il-proġett kollhu u x'ħa jkun hemm involuti għal affini ta' referenza u informazzjoni fiż-żmien li ġej. Is-Sindku wieġeb li sa fejn huwa nfurmat huwa, qabel il-bidu ta' din il-leġislatura, taħt is-sindikat tiegħu, iġifieri qabel Lulju 2019, saret il-konsultazzjoni kollha meħtieġa għal dan il-proġett ta' riġenerazzjoni, inkluż mal-kommunita' kummerċjali u għaqdiet. Is-Sindku saħaq ukoll li bħal kull proġett ieħor, il-pubbliku ġenerali setgħa joġġezzjona skont il-prassi tal-awtorita' tal-ippjanar. Rigward ir-residenti, is-Sindku kompla billi spjega li għaddej b'diskussjoni mal-GHRC li huma responsabli għal dan il-proġett, biex fil-mument opportun issir press-conference fejn jiġi mniedi u spjegat ix-xogħol li ser issir

F Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-proġett ta' new water fil-lokal tal-Kalkara għaddej ġmielu u wasal ukoll fl-aħħar fażi tiegħu fejn jidħlu ż-żoni tal-Kalkara. Is-Sindku qal li kemm hu u kemm is-Seg Eżek għandhom komunikazzjoni kontinwa mal-kuntrattur li qed jaħdem biex b'hekk jiġu diskussi l-aħjar soluzzjonijiet kif wieħed għandu jaħdem bl-inqas inkonvenjent possibli lejn ir-residenti tagħna. Is-Sindku qal illi jekk wieħed jgħaddi miż-żona ta' Santu Rokku jinduna illi t-triq issa hija miftuħa lejn naħa waħda ħabba raġunijiet ta' sigurta u fadal ukoll isir xi testing fiż-żona minn naħa tal-Water Services kif sar anka fiż-żoni li saru u tlestew qabel din iż-żona.

G Is – Sindku nforma l-kunsill dwar laqgħa li kellhu flimkien mas-Seg Eżek fuq miżuri ġodda li qiegħedin 'in preparation' ma' Infrastructure Malta ma' Dr.Testaferrata DeNoto fejn ġew diskussi miżuri ta' sigurta' fit-toroq li jinkludu ż-żoni ta' Santu Rokku kemm in-naħa ta' fejn hemm il-ħanut tal-laħam kif ukoll fiż-żona ta' viċin il-kanun ta' Rinella. Is-Sindku f'din l-istess laqgħa ssuġerixxa illi l-awtoritajiet jistudja l-eventwalita li parti minn Triq Santu Rokku (mill-ħanut tal-laħam sal-bieb taċ-ċimiterju) tiġi waħda 'one way' minħabba n-natura tal-istess triq speċjalment ukoll minħabba l-ilmenti kollha li l-kunsill jirċievi meta l-karozzi ma jkunux jistgħu jgħaddu mill-istess triq fl-istess ħin minħabba d-djuq taż-żona stess. Dan ġie ssuġerit biex l-awtorita' stess tiddiskuti l-aħħar miżuri possibli għaż-żona biex umbagħad wara l-kunsill ikun jista' jkompli jiddiskuti x'inhu l-aħjar li jsir. Is-Sindku qal illi deċiżjonijiet bħal dawn m'humiex forsi popolari pero' tajjeb li bħala kunsill ngħarfu d-distinzjoni ta' dak li hemm bżonn u mhux ta' dak li hu popolari mar-residenti. Xi miżuri wkoll ser ikunu qed jiġu estiżi san-naħa tal-ground tal-football minħabba l-fatt illi ż-żona qed tiġi ffrekwentata minn iktar nies meta mqabbla mas- snin preċedenti speċjalment wara li l-club tal football stess ħa ħsieb li jespandi n- natura tal-club stess.

H 1 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi flimkien mas-Sindki tal-Kottonera ġie maqbul u deċiż illi tintefa applikazzjoni waħda minn naħa tal-Kunsill Lokali Birgu fir-rigward Belt Kulturali Ewropea 2031 u li l-lokalitajiet ta' Bormla, isla u Kalkara nkunu ta' appoġġ wara din l-applikazzjoni. Spjega l-fatt li r-regoli ta' dan it-titlu jobbligaw li ma nistgħux napplikaw bħala Kottonera iżda, l-applikazzjoni tista' ssir f'isem kunsill lokali wieħed. Il-qbil dwar il-Birgu ġie deċiż wara li anke sar studju tekniku u professjonali biex wieħed seta' jieħu din id-deċiżjoni unanima. Ġie maqbul ukoll li din l-informazzjoni tiġi mniżżla formalment fil-kotba tal-kunsill minħabba raġunijiet ovvji fosthom il-għaliex saż-żmien imsemmi wieħed jaf ma jkunx għadu jagħmel parti mill-kunsill rispettiv tiegħu u tajjeb illi minn ġej wara jkollu idea ċara ta' dak li ġie diskuss u maqbul. Is-Sindku kkonferma illi filwaqt li l-applikazzjoni ser tkun qed tiġi sottomessa mill-Kunsill Lokali Birgu intlaħaq arranġament (s'issa bil-fomm) illi jekk la darba jintrebaħ dan it-titlu l-benefiċċji għandhom jinqasmu bejn il-Kottonera u l-Kalkara. Tajjeb li wieħed jgħid illi s-survey li sar biex jintlaħaq dan il-ftehim sewa tajjeb biex wieħed ikun jaf aktar karatteristiċi konkreti fuq il-lokal rispettivi fosthom il-Kalkara. Is-Sindku nforma l-kunsill li l-istudju ġie kkumisjonat mill-Fondazzjoni kottonera u mhux mill-fondi tal-kunsill.

H2 Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-preżent il-Kunsill għandu 3 residenti mil-faċilita' korrettiva ta' Kordin jaħdmu fi ħdan il-kunsill. Dawn huma qiegħedin jagħmlu xogħol tal-idejn biex jitħafeff il-proċess biex tinfetaħ il-librerija l-ġdida fil- lokal. Dawn l-istess residenti għandhom gwardjan magħhom biex jiġu osservati r- regoli li hemm bżonn. Is-Sindku kkonferma li ħa jkunu qiegħedin jinħadmu bankijiet u planters għal żona li ser tiġi utilizzata minn nies li jkunu qed jagħmlu użu mill-istess librerija bħala outdoor reading corner.

I 1Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill illi wara proċeduri ġodda fir-rigward il-ġbir tal-iskart riċiklat fil-lokalitajiet tajjeb li wieħed jaħseb biex jestendi l-kuntratt preżenti għal sena oħra sa ma jinħarġu r-regoli l-ġodda li għadhom qiegħedin jiġu diskussi mill-Gvern Ċentrali mar-Reġjuni tal-Kunsilli rispettivi. Il-kunsill qabel unanimament li l-kuntratt preżenti għandu jiġi estiż għal affini tal-kunsill hekk kif qed jiġi mitlub skond il-liġi u r-regolamenti.

I 2 Is-Sindku talab l-informzzjoni meħtieġa lill-kunsilliera Maria Sultana fejn fil-preżent diġa' għandha l-irwol u kariga ta' president skolastiku minħabba l-fatt illi l-kunsill irċieva korrespondenza biex la darba jkun hemm xi ħadd interessat jiġi nnominat formalment. Is-Sindku ppropona li jinnomina lis-Sinjura Sultana għal darb'oħra uffiċjalment biex tibqa' u terġa' tkun il-president skolastiku fi ħdan il-lokal tal- Kalkara, bil-membri l-oħra tal-kunsill jaqblu ma' din il-proposta. Il-formula flimkien mad-dokumenti neċessarji ser ikunu qed jintbgħatu formalment minn naħa tas-Seg Eżek fil-ġranet li ġejjin hekk kif ikun hemm kollox lest. Is-Sinjura Maria Sultana rringrazzjat formalment lis-Sindku u lill-kunsill talli wrew fiduċja f'dak li hija dejjem għamlet minn qalbha lejn l-iskola tal-lokal speċjalment ħidma kontinwa mat-tfal li jattendu din l-istess skola.

I 3. Is-Sindku informa il-Kunsill illi fil- granet li gejjijn il-Kunsill sr ikun qed japplika ghall-skema ( SPI/SCI/2/2021) li titratta Playingfields fil-Lokal.
Il-Kunsill qabel unanimament illi l-applikazzjoni ser tkun qed tigi sotomessa biex jingiebu fondi sabiex il-lokal igawdi minn spazju miftugh li jinkludi playing equipment gdid la darba l-unika playingfield li kellom il-Kalkarizi gie imnehhi habba ragunijiet ta sahha u sigurta kif ukoll minhabba illi ser ikun qed jibda ix-xghol preparatorju tar-rigenerazzjoni tax-xatt ta l-istess lokal. L-Applikazzjoni ghal dan l-ispazju il-gdid ser tkun qed titlob approx.. 20000 Ewro biex dan il-progett ikun jista jsehh.

**3.4 ma kienx hemm**

3.5a Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi ser ikun qiegħed jippostponi s-sezzjonijiet tal-keep feet li kellu ppjanati minħabba ċ-ċirkostanzi fil-preżent visavi l-Covid 19. Huwa qal ukoll illi xtaq kieku jikkordina laqgħa mas-Sinjura Maria Sultana biex jinvolvi l-iskola f'xi sezzjonijiet li għandu ppjanati fil-futur.

3.5 b Is-Sinjura Sultana ma kellha l-ebda punti x'tiddiskuti.

3.5 c1 Is-Sinjura Chircop talbet biex il-bankijiet li hemm fil-preżent ix-Xatt li fil futur żgur iridu jinqalgħu ħabba l-proġett ta' riġenerazzjoni fiż-żona tajjeb li wieħed jaħseb fejn jistgħu jitweħħlu. Hija tgħat ukoll xi suġġerimenti biex jitweħħlu flok il-bank li nsteraq milux mill-lokal li kienet tgħat donazzjoni hi stess fil-leġislatura preċedenti, kif ukoll jitweħħlu 2 fil-fetħa fil-bidu ta' Triq Konvoj Santa Marija fejn fil-pasta kien hemm l-iskips.

C2 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi l-kors tal-bizilla kien qed jiġi pospost għal meta s-sitwazzjoni preżenti tiġi għal aħjar minħabba saħħa u sigurat.

C3 Is-Sinjura Chircop staqsiet x'kien sar minnha l-'bye law' li tinkludi sett ta' liġijiet li jinkludu ż-żona tal-Bajja ta' Rinella. Is-Seg Eżek spjegat illi d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien informa l-kunsill illi tajjeb li wieħed jistenna ftit minħabba illi ser tkun qed tinħareġ 'byelaw' in komuni bejn il-lokalitajiet l-oħra biex wieħed jagħmel użu minnha fiż-żmien li ġej.

C4 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet il-kunsill jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu miżuri ta' sigurta' fl-akkwata ta' Gianni Raimondo kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qal illi ser ikun qed imur fuq il-post ħalli tkun tista' tintbgħat sketch ċara lill-awtorita' kkonċernata biex jifhmu aħjar is-sitwazzjoni x'inhi fil-ġranet li ġejjin.

3.5 d Is-Sur Chris Bruno ġie skużat

**3.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**3.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**3.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 3.20

**3.7** **Mozzjonijiet**

3.7.1 Ma kienx hemm

**3.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-5:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-21 ta' April 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv